# IT-TIENI PARTI

## QORTI ĊIVILI — PRIM'AWLA

**7 ta' Jannar, 1960**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Carmelo Massa Walker

*versus*

Stella Caruana et.

**Likwidazzjoni ta' Wirt — Ċurkett tat-Tieġ — Patrija Potestà — Minuri — Użufrutt — Komunjoni tal-Akkwisti — Spejjeż tal-Aħħar Marda — Spejjeż Funerarji — Art. 168 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Iċ-ċurkett tat-tieġ għandu jitqies li jappartjeni lill-assi partikulari tal-mara; u għalhekk jispetta lill-mara miżżewġa jew lill-eredi tagħha.*

*In forza tal-patrija potestà l-missier għandu l-użufrutt tal-beni ta' wliedu minuri. Imma jekk dan l-użufrutt jispiċċa u huwa jibqa' jgawdi ħwejjeġ uliedu li jkunu joqgħodu miegħu, mingħajr inkarigu, imma wkoll mingħajr oppożizzjoni minn naħa tagħhom, il-missier ma jkollux ħlief jikkonsenja l-utili li jkun hemm fiż-żmien tat-talba, mingħajr obligu li jagħti kont ta' dawk l-utili li dak iż-żmien ikunu ġew ikkunsmati. Għaldaqstant, dak li gawda l-missier mil-beni ta' wliedu li kienu joqgħodu miegħu, ladarba ma saritlux ebda talba għar-rendikont, huma tiegħu; u jekk huwa kien miżżewweġ fit-tieni żwieġ, dak li huwa daħħal ma għandux jiġi addebitat lill-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejnu u bejn it-tieni martu.*

*Il-liġi ma tagħmelx eċċezzjonijiet; u għalhekk l-imsemmi rendikont ma jitqiesx li għandu jingħata jekk ma ssirx it-talba għalieh, u sakemm it-tfal jibqgħu joqgħodu ma' missierhom, għalkemm ikunu saru maġġorenni. Darba li ma saretx it-talba għar-rendikont, il-missier seta' jkompli jgawdi l-beni ta' wliedu li baqgħu joqgħodu miegħu, anki wara li*

*huma rraġġunġew l-età maġġuri, u kellu biss l-obligu li jagħti rendikont ta' dak li huwa daħħal bi dgawdija u ma kkunsmax, u kwindi baqa' jeżisti għandu, jekk u meta saritlu it-talba għal dan il-fini.*

*L-ispejjeż tal-aħħar marda huma dejn tal-komunjoni tal-akkwisti; imma l-flus li jintefqu fil-funerali għandhom jitħallsu mill-assi partikulari tal-mejjet li għalieh saru dawk il-funerali.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara illi jippremetti li Carmela Massa nee Blake, martu, mietet intestata fit-12 ta' April 1952 mingħajr dixxendenti (dok. A); illi għalhekk jidħlu għall-wirt tagħha ħutha, sew jekk ikunu aħwa sewwa, kemm jekk mill-missier jew mill-omm biss (art. 853(1) tal-Kodiċi Ċivili), li huma l-konvenuti; u illi skond il-liġi huwa jmissu bi proprjetà t-terz tal-ħwejjeġ kollha tal-imsemmija Carmela Massa (art. 865(1) tal-Kodiċi Ċivili); u illi huwa ma jridx jibqa' aktar in komunjoni mal-konvenuti; jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtia l-provvedimenti kollha opportuni, tiġi minn din il-Qorti ordnata (1) il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li saru bejnu u l-imsemmija Carmela Massa, u jiġi dikjarat li jikkonsistu fil-ġid li jiġi pruvat il-quddiem; (2) id-diviżjoni tal-assi soċjali konjugali hekk furmat f'żewġ porzjonijiet ugwali, li waħda minnhom tiġi assenjata lilu u l-oħra lill-assi partikulari ta' Carmela Massa; (3) l-likwidazzjoni ta' dan l-assi partikulari ta' Carmela Massa, li jkun dikjarat jikkonsisti fis-sustanzi u fid-debiti li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża; (4) id-diviżjoni ta' dan l-assi partikulari ta' Carmela Massa; billi terza porzjoni tiġi assenjata lilu skond il-liġi, u billi r-rimanenti żewġ terzi jiġu diviżi ugwalment bejn il-konvenuti, u ċjoè sesta parti tal-assi partikulari kull wieħed; (5) in-nomina ta' perit biex jipproponi pjan ta' diviżjoni, ta' nutar biex jippublika l-att relattiv, u ta' kuratur biex jirrappreżenta l-kontumaċi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, u b'riżerva għad-drittijiet l-oħra kollha spettanti lilu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta li Carmela Massa nee Blake kienet it-tieni mara tal-attur; hija mietet intestata u mingħajr dixxendenti fit-12 ta' April 1952; imma, meta mietet, kienu ħajjin ħutha, li huma l-konvenuti. L-attur kien iżżewwiġha mingħajr skrittura fil-5 ta' Diċembru 1937, meta kien armel mill-ewwel mara tiegħu Ester, imwielda Fiorini, li meta mietet, fil-31 ta' Awissu 1936, ħalliet superstiti miż-żwieġ tagħha mal-attur ħamest itfal, ċjoè Joseph, Salvatore, Serafino, Amalia, u Walter, allura lkoll minuri, billi dawn it-tfal twieldu fit-28 ta' Jannar 1920, fl-20 ta' Settembru 1922, fit-23 ta' Marzu 1924, fil-5 ta' Marzu 1928, u fis-6 ta' Awissu 1929, rispettivament. Ester Massa, l-ewwel mara tal-attur, kienet tippossjedi esklużivament bi proprjetà sittax il-fond, ċjoè 110, 111, 112, 114, 128 u 129, Pawla Square, 1, 5, 7By St. Ubaldesca Street, 59, 60 Hassaflieni Street, 23, 198, 203/4, 205, u 206 Arcade Street, kollha f'Każal Pawla. F'tul iż-żwieġ tiegħu magħha, l-attur akkwista żewġ fondi oħra, ukoll f'Każal Pawla, ċjoè 53 Church Avenue u 23 Lampuka Street. Ma jirriżulta minn ebda akkwist ta' stabili mill-attur fi żmien iż-żwieġ ma' Carmela, it-tieni mara tiegħu;

Qabel ma għadda għat-tieni żwieġ, l-attur talab u ottjena mill-Qorti kompetenti l-awtorizzazzjoni li jamministra l-beni ta' wliedu minuri bid-drittijiet kompetenti lilu derivanti mill-patrija potestà, kif jidher mid-digriet numru 2070/37, mogħti mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti; però ġie lilu mpost l-obligu li jamministra tajjeb u li jirrendi kont skond il-liġi; liema obligazzjoni huwa assumiha formalment b'nota preżentata fl-imsemmija Qorti fid-29 ta' Novembru 1937. L-attur baqa' jamministra l-beni ta' wliedu sa meta mietet l-imsemmija martu Carmela, u qatt ma rrendielhom kont ta' dik l-amministrazzjoni;

Illi l-perit legali ssottometta li fl-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, fil-jum li l-istess ġiet xjolta, kien hemm bħala attiv dawn l-effetti:— (a) £20 li kienu d-dar meta ġara x-xoljiment; (b) £55 li l-attur faddal fi żmien dan it-tieni żwieġ...... B'kollox is-somma komplessiva ta' £750;

Illi din il-Qorti...... ma taqbelx mal-istess konklużjoni rigward il-likwidazzjoni tal-partiti l-oħra. Infatti........ Dwar il-ħames partita, iċ-ċurkett tat-tieġ għandu jitqies li jappartjeni lill-assi partikulari ta' Carmela Massa, għaliex dan iċ-ċirkuett, skond il-ġurisprudenza, jispetta lill-mara miżżewġa u lill-eredi tagħha (Vol. XVI-II-158); iż-żewġ pari msielet, mbgħad......;

Illi l-istess perit issottometta li fil-passiv tal-komunjoni tal-akkwisti, li tagħha qegħdha tintalab il-likwidazzjoni, jidħlu biss l-użufrutti li l-attur kellu fuq il-ġid ta' wliedu waqt il-minoretà tagħhom tul dan it-tieni żwieġ; liema użufrutti huma ta' ordni dupliċi, ċjoè użufrutt fuq beni stabili u użufrutt fuq flejjes, u li ntemmu mar-raġġunġiment tal-età maġġuri ta' kull wieħed mill-ulied rispettivament; u li mal-użufrutt fuq il-beni stabili kien kompriż dak fuq innofs indiviż taż-żewġ fondi msemmijin ta' Church Avenue 53 u Lampuka Street 23, Każal Pawla. Huwa rrileva li l-beni stabili suġġetti għal dan l-użufrutt huma dawk li ġa ġew imsemmija;

In kwantu għall-użufrutt fuq il-flejjes ta' wlied l-attur waqt il-minoretà tagħhom tul it-tieni żwieġ, il-perit issottometta li, kif jirriżulta mill-atti relattivi, l-attur, fid-29 ta' Awissu 1945, żbanka fl-interess u f'isem il-ħames uliedu, mir-Reġistru ta' din il-Qorti, is-somma ta'......;

Il-perit kompla jissottometti li l-frutti perċepiti mill-attur minn fuq il-fondi immobiljari ta' wliedu wara li dawn irraġġunġew rispettivament il-maġġuri età tagħhom jiġu addebitali lil din il-komunjoni, għaliex kollha kemm huma laħqu din l-età matul dan it-tieni żwieġ, u li għal din irraġuni l-frutti dovuti lil kull wieħed mill-ulied ivaraw skond id-data tar-raġġunġiment tal-maġġuri età;

In kwantu għall-flejjes żbankati mill-attur, l-istess, inkwantu tal-ulied Joseph, Salvatore u Serafino, kienu ġa jappartjenu lilhom, għaliex meta saru l-iżbanki relattivi, it-tlieta kienu ġa rraġġunġew il-maġġuri età tagħhom; għal dak li jirrigwarda ż-żewġ ulied l-oħra, ċjoè Amalia u Walter rispettivament, relattivament għal dawn l-iżbanki,

is-somom relattivi kienu ġew depożitati mill-attur fil-Bank tal-Gvern, u setgħu jiġu konsegwiti biss minnhom fil-ġurnata li fiha huma kienu rispettivament jkunu raġġunġew din l-età, u kwindi, kwantu għal dawn iż-żewġ ulied ma għandu jsir ebda addebitu lill-komunjoni, la relattivament għall-kapitali depożitati u lanqas għall-lukri fuqhom, għaliex il-frutti derivanti waqt il-minoretà taż-żewġ ulied kienu tal-attur missierhom, u dawk skaduti wara li l-istess żewġ ulied irraġġunġew il-maġġur età saru tagħhom, u ma setgħux jitmessu iżjed mill-attur;

Għalhekk, il-perit legali, in kwantu għall-flus perċepiti mill-attur mill-fondi msemmija, addebita lill-imsemmija komunjoni tal-akkwisti b'dawn l-ammonti:— (1) versu Joseph Massa Walker mit-28 ta' Jannar 1941 sat-12 ta' April 1952, is-somma ta' £305.19.1; (2) versu Salvatore Massa Walker, mill-20 ta' Settembru 1943 sat-12 ta' April 1952, £241.10.4; (3) versu Serafino Massa Walker, mit-23 ta' Marsu 1945 sat-12 ta' April 1952, £201.6.10; (4) versu Amalia Massa Walker, mill-5 ta' Marsu 1949 sat-12 ta' April 1952, £93.0.1; (5) u versu Walter Massa Walker, mis-6 ta' Awissu 1950 sat-12 ta' April 1952, £51.15.6. b'kollox £913.11.10. In kwantu għall-flus żbankati mill-attur, il-perit addebita lill-istess komunjoni b'dawn l-ammonti:— (a) £67.8.00. versu kull wieħed mit-tliet ulied Joseph, Serafino u Salvatore; (b) u £2.5.2 versu kull wieħed mill-istess tliet itfal. B'kollox £208.19.6;

*Omissis;*

Il-perit addebita wkoll lill-istess komunjoni bl-ammonti ta' £4.12.6 u £27.18.0, rappreżentanti rispettivament l-ispejjeż tal-aħħar marda u dawk tal-funerali tal-imsemmija Carmela Massa;

Illi din il-Qorti ma taqbelx għal kollox ma' dawn il-konklużjonijiet tal-perit legali. Tabilħaqq, inerenti mal-patrija potestà fuq l-imsemmijin uliedu, l-attur kellu l-użufrutt legali fuq il-proprjetà tal-istess uliedu; liema użufrutt spiċċa malli huma saru tal-età; anzi spiċċa qabel, ċjoè meta l-attur għadda għat-tieni żwieġ tiegħu, billi f'din l-okkaż-

joni ma jirriżultax li huwa ottempera ruħu mad-dispożizzjonijiet tal-liġi biex jiġi reintegrat fid-drittijiet tal-patrija potestà. L-attur baqa' b'dan kollu jgawdi l-proprjetà ta' wliedu wara li spiċċa dan l-użufrutt, għalkemm wara din it-terminazzjoni huwa, sa ċertu pont, kellu jagħtihom rendikont ta' dak li daħħal;

L-attur, però, ma kienx tenut jagħti dan ir-rendikont, almenu lill-uliedu kollha. Skond l-art. 168 tal-Kodiċi Ċivili, jekk jispiċċa l-użufrutt u l-missier jibqa' jgawdi ħwejjeġ ibnu li jkun joqgħod miegħu, mingħajr inkarigu iżda mingħajr oppożizzjoni minn naħa ta' ibnu, . . . . il-missier ma jkollux ħlief jikkunsinna l-utili li jkun hemm fiż-żmien tattalba, mingħajr l-obligu li jagħti kont ta' dawk l-utili li sa dak iż-żmien ikunu ġew ikkunsmati. Issa, kif xehed l-attur, it-tfal tiegħu kienu jafu li huwa kien qiegħed jinkassa r-renti mill-fondi appartenenti lilhom, u huma qatt ma talbuh rendikont tal-amministrazzjoni, lanqas wara li laħqu l-maġġur età. Minn ulied l-attur xehed biss Serafino Massa Walker, li però qal li jaf li missieru baqa' jamministra l-proprjetà li huwa u ħutu wirtu minn għand ommhom Ester, u li huwa qatt ma talbu sehmu minn din l-amministrazzjoni, għaliex dejjem fehem li missieru kien qiegħed ifaddal dawn il-flus għalieh u sehem ħutu għalihom. Għalhekk, darba li ma saretx lill-attur minn uliedu talba għarrendikont tal-amministrazzjoni tiegħu ta' ħwejjiġhom, dak li gawda l-attur minn ħwejjeġ uliedu ma għandux jiġi addebitat lill-komunjoni tal-akkwisti;

Għal dan tingħamel, naturalment, eċċezzjoni rigward sehem mill-istess dgawdija ta' Joseph u Walter aħwa Massa Walker, ulied l-attur, li, kif ġie pruvat, iżżewġu rispettivament fil-25 ta' Novembru 1944 u fis-27 ta' April 1952, u ma baqgħux joqgħodu ma' missierhom;

Fin-nota tiegħu tas-7 ta' Jannar 1958, l-attur jissottometti li d-dispożizzjoni tal-liġi ġa msemmija ma tapplikax mhux biss għat-tfal li ma baqgħux joqgħodu ma' missierhom, imma lanqas ma tapplika fil-każ tal-attur, li in segwitu għad-digriet ġa msemmi numru 2070/37 kien tenut jagħti kont lill-uliedu in forza tal-liġi, u ma tapplikax

ukoll, fil-każ taħt konsiderazzjoni, wara li t-tfal laħqu l-maġġur età. Din is-sottomissjoni mhix aċċettabbli. Kif ingħad, l-eċċezzjoni tat-tfal Joseph u Walter, ma saret ebda prova li xi ħadd mit-tfal l-oħra tal-attur ma baqgħax jogħqod mal-attur; u l-imsemmi artikolu tal-liġi, mingħajr ma jagħmel distinzjoni, jiddisponi li l-imsemmi rendikont ma jitqiesx li għandu jingħata jekk ma ssirx dik it-talba, u sakemm it-tfal jibqgħu joqgħodu ma' missierhom, għalkemm ikunu saru tal-età; u għalhekk, darba li ma saretx it-talba għar-rendikont, l-attur seta' jkompli jgawdi l-beni ta' wliedu li baqgħu joqgħodu miegħu, anki wara li huma rraġġunġew l-età maġġuri, u kellu biss l-obligu li jagħti r-rendikont ta' dak li huwa daħħal bi dgawdija u ma kkunsmax, u kwindi baqa' jeżisti għandu, jekk u meta saritlu għalieh xi talba għal dan il-fini. F'dan is-sens irriteniet din il-Qorti fil-15 ta' Marzu 1901 in re "Mallia Tabone utrinque"...... "il padre, però, date le condizioni espresse in quell'articolo, continuerà a godere i beni del figlio, anche dopo che questi avesse compito l'anno vigesimo primo". U anki fit-3 ta' Ottubru 1941, in re "Demajo vs. Azzopardi", "meta l-imħarrka għalqet it-tmientax il-sena, hija baqgħet tgħix ma' missierha, u dan baqa' jamministralha ħwejjiġha; ma jirriżultax, u l-imħarrka lanqas biss tippretendi, li hija kienet għamlitlu xi oppożizzjoni, jew xi patt li jirrendilha l-kontijiet tar-renti li kien daħħal; għalhekk, skond l-liġi, huwa ma kellu ebda obligu li jrodd ir-renti li kien ikkonsma, iżda kellu jrodd biss u jagħti kont ta' dawk ir-renti li kien daħħal u ma kkunsmax, u għalhekk kienu għadhom jeżistu għandu";

Illi, skond dan li ntqal, in kwantu għall-frutti perċepiti minn fuq il-ġid immobiljari ta' wliedu, l-attur għandu jagħti rendikont ta' dak li huwa gawda fuq l-istess ġid liż-żewġ uliedu Joseph u Walter biss, u dan minn meta dawn iżżewġu u ma baqgħux joqgħodu miegħu, sal-ġurnata tal-mewt ta' Carmela Massa, it-tieni mara tal-istess attur. Joseph u Walter aħwa Massa Walker iżżewġu fil-25 ta' Novembru 1944 u fis-27 ta' April 1952 rispettivament, u Carmela Massa mietet fit-12 ta' April 1952; u hekk hu evidenti li l-istess rendikont l-attur għandu jagħtieh lill-ibnu Joseph biss, billi t-tifel tiegħu Walter iżżewweġ u ma ba-

qgħax joqgħod miegħu wara l-mewt tal-imsemmija Carmela Massa. Minn konteġġi skond il-prospett fil-fol. 14 tal-proċess jirriżulta, . . . . Għalhekk il-komunjoni tal-akkwisti in eżami, għal dawn il-frutti, għandha tiġi addebitata biss favur Joseph Massa Walker fiż-żewġ ammonti ta' £238. 0. 4 u £47. 2. 6, ċjoè £285. 2. 10.;

*Omissis;*

Illi l-perit legali addebita lill-istess komunjoni bl-ammont ta' £4. 12. 6 spejjeż tal-aħħar marda ta' Carmela Massa, u b'dak ta' £27. 18.0 spejjeż tal-funerali tagħha. Rigward daqshekk, jingħad li hu magħruf li l-ispejjeż tal-aħħar marda huma dejn tal-komunjoni, imma l-flus li ntefqu għall-funerali għandhom jitħallsu mill-assi partikulari tal-istess Carmela Massa . . . . ;

*Omissis;*

Illi għalhekk, il-konklużjonijiet tal-perit legali jiġu modifikati fis-sens tal-konsiderazzjonijet li ssemmew, u l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti taħt konsiderazzjoni jiġi likwidat b'dan il-mod:— Attiv . . . . . £728. 11.6½; Passiv . . . . . £784. 11.2.;

Illi minn hekk jidher li l-passiv jgħaddi l-attiv fis-somma ta' £55. 19. 7½; liema żbilanċ bejn passiv u attiv għandu jiġi sopportat kollu mill-attur, għaliex skond il-liġi, art. 1367(2) Kap. 23, il-mara miżżewġa ma tidħolx għat-telf f'iżjed mis-sehem li jmissha fl-akkwisti;

Illi, rigward l-assi partikulari ta' Carmela Massa, kif issottometta l-perit legali, dan l-assi, fl-attiv, jikkonsisti biss . . . . ;

Illi, in kwantu għall-passiv ta' dan l-assi, il-£15 li l-perit legali addebita . . . . . ;

Illi għalhekk l-assi partikulari ta' Carmela Massa jiġi likwidat b'dan il-mod: Attiv . . . . . £19. 16. 10½; Passiv . . . . . £27. 18. 0;

Illi konsegwentement dan l-assi hu passiv fis-somma ta' £8. 1. 1½;

Illi, in segwitu għall-eċċezzjoni tal-konvenuta Stella Caruana, ċjoè li l-azzjoni kontra tagħha hija ntempestiva, billi hija għadha ma ddeċidietx jekk għandhiex taċċetta l-eredità ta' oħtha nkelle le, . . . . . Stella Caruana ddikjarat li ma tridx tindaħal u li ma tridx taċċetta l-eredità ta' oħtha Carmela Massa. Minn dan isegwi li l-istess konvenuta Stella Caruana għandha tiġi liberata mid-domandi;

Illi skond il-liġi, art. 865 Kap. 23, l-assi ta' Carmela Massa, kif ġie likwidat, għandu jinqasam u jittieħed in kwantu għal terz mill-attur, bħala r-raġel superstiti tal-istess Carmela Massa, u in kwantu għar-rimanenti żewġ terzi mill-konvenuti flimkien . . . . . Stella Caruana, oħt dawn il-konvenuti, ma tipparteċipax magħhom, billi hija rrinunzjat għall-eredità kif ġa ssemma. Għalhekk l-iżbilanċ ġa msemmi bejn attiv u passiv għandu jinqasam . . . .;

Illi, rigward l-ispejjeż tal-kawża, l-istess għandhom jiġu regolati kif sar fil-kawża "Caruana utrinque" deċiża minn din il-Qorti fit-8 ta' Ġunju 1922 (Vol. XXV-I-484). Xejn ma jiswa li l-assi tal-komunjoni u dak partikulari fuq imsemmijin spiċċaw bi żbilanċ, u kwindi r-riżultat tal-ewwel u t-tielet domanda kien negattiv; għaliex, kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha tal-11 ta' Mejju 1923 fil-kawża ċitata, il-likwidazzjonijiet kienu dejjem neċessarji;

Għal dawn il-motivi; u b'adeżjoni tal-konklużjonijiet tal-perit legali, fosthom dawk kif ġew riformati;

Tillibera mid-domandi lill-konvenuta Stella Caruana, bl-ispejjeż kontra l-attur; tillikwida l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-attur u Carmela Massa fil-beni fuq imsemmijin, fl-attiv ta' £728. 11. 6½ u fil-passiv ta' £784. 11. 2, u kwindi fi żbilanċ bejn passiv u attiv ta' £55.19.7½, u tiddikjara li minn dan il-passiv ma għandu jiġi sopportat xejn mill-assi ta' Carmela Massa, li ġa eżawriet in-nofs tal-akkwisti tagħha; tillikwida l-assi partikulari ta' Carmela

**Massa** . . . . . .; tiddividi dan l-iżbilanċ . . . . . . Tinnomina għall-finijiet tal-publikazzjoni tal-att . . . . . Tordna illi l-ispejjeż jiġu sopportati fil-proporzjon tal-komparteċipazzjoni tal-kontendenti fl-assijiet likwidati b'din is-sentenza.